SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

5 ta' Novembru 2019*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Prinċipji ta' irremovabbiltà u ta' indipendenza tal-imħallfin – Tnaqqis tal-età tal-irtirar għal imħallfin fil-qrati ordinarji Pollakki – Possibbiltà li mħallef ikompli fil-kariga tiegħu lil hinn mill-età stabbilita mill-ġdid suġġetta għall-awtorizzazzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja – Artikolu 157 TFUE – Direttiva 2006/54/KE – Artikolu 5(a) u Artikolu 9(1)(f) – Projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq is-sess fil-qasam tar-remunerazzjoni, tal-impjieg u tax-xogħol – Introduzzjoni ta' etajiet tal-irtirar differenti għan-nisa u għall-irġiel għal imħallfin fil-qrati ordinarji Pollakki u fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) kif ukoll għal avukati tal-Istat"

Fil-Kawża C-192/18,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2018,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn A. Szmytkowska, K. Banks, C. Valero u H. Krämer, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubblika tal-Polonja**, irrappreżentata minn B. Majczyna, K. Majcher u S. Żyrek, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, R. Silva de Lapuerta, Viċi President, A. Prechal (Relatur), M. Vilaras, E. Regan, P. G. Xuereb u L. S. Rossi, Presidenti ta' Awla, E. Juhász, M. Ilešič, J. Malenovský, L. Bay Larsen, D. Šváby u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: M. Aleksejev, Kap ta' Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' April 2019,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2019,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata:

– minn naħa, li, bl-introduzzjoni, fil-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-ustawa o zmianie ustawy – Prawo o ustroju sądów powszechnych oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u Ċerti Liġijiet Oħra) tat-12 ta' Lulju 2017 (Dz. U. tal-2017, titlu 1452, iktar 'il quddiem il-"Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017"), ta' età tal-irtirar differenti għall-irġiel minn dik għan-nisa għal imħallfin fil-qrati ordinarji Pollakki u fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) jew għal avukati tal-Istat Pollakk, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 5(a) u l-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23), u

– min-naħa l-oħra, li, bit-tnaqqis, fil-punt 1 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017, tal-età tal-irtirar applikabbli għall-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki u billi, skont il-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 ta l-Artikolu 1 tal-imsemmija liġi, tat lill-Ministru għall-Ġustizzja (il-Polonja) is-setgħa li jiddeċiedi dwar jekk tingħatax estensjoni tal-perijodu tal-mandat ta' mħallfin, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

*It-Trattat UE*

2 L-Artikolu 2 TUE jaqra kif ġej:

"L-Unjoni [Ewropea] hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

3 L-Artikolu 19(1) TUE jiddisponi:

"Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tinkludi l-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u l-qrati speċjalizzati. Hija għandha tara li d-dritt ikun rispettat fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni."

*It-Trattat FUE*

4 L-Artikolu 157 TFUE jistabbilixxi:

"1. Kull Stat Membru għandu jassigura li l-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, għandu jkun applikat.

2. Għall-għan ta' dan l-Artikolu, 'paga' tfisser il-paga jew is-salarju komuni bażiku jew minimu u kwalunkwe remunerazzjoni oħra, sew jekk fi flus jew in natura, li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament, għall-impjieg tiegħu, minngħand min iħaddmu.

[…]

3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill [tal-Unjoni Ewropea], li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, u wara li jikkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw miżuri li jassiguraw l-applikazzjoni tal-prinċpju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa f'materji ta' impjiegi u xogħol, inklużi l-prinċipji ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali.

4. Bl-għan li tkun assigurata l-ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament indaqs m'għandux ifixkel lil xi Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi sabiex jagħmilha aktar faċli għal dak is-sess li jkun anqas rappreżentat sabiex jfittex attività professjonali jew sabiex jipprevjeni jew jikkumpensa għal żvantaġġi fil-karrieri professjonali."

*Il-Karta*

5 It-Titolu VI tal-Karta, intitolat "Ġustizzja", jinkludi l-Artikolu 47, intitolat "Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali", li jiddisponi:

"Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. […]

[…]"

6 Skont l-Artikolu 51 tal-Karta:

"1. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.

2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati."

*Id-Direttiva 2006/54*

7 Il-premessi 14 u 22 tad-Direttiva 2006/54 jgħidu:

"(14) Għalkemm il-kunċett ta' paga fit-tifsira ta' l-Artikolu [157 TFUE] ma jinkludix il-benefiċċji ta' sigurtà soċjali, issa huwa stabbilit b'mod ċar li skema ta' pensjoni għal uffiċjali pubbliċi taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali jekk il-benefiċċji li jitħallsu skond l-iskema jingħataw lill-impjegat minħabba r-relazzjoni ta' l-impjieg tiegħu/tagħha ma' min iħaddmu fis-settur pubbliku, minkejja l-fatt li skema bħal din tifforma parti minn skema ġenerali statutorja. Skond is-[sentenzi tat-28 ta' Settembru 1994, Beune (C-7/93, EU:C:1994:350), u tat-12 ta' Settembru 2002, Niemi (C-351/00, EU:C:2002:480)], dik il-kondizzjoni tiġi sodisfatta jekk l-iskema ta' pensjoni tikkonċerna kategorija partikolari ta' impjegati u l-benefiċċji tagħha huma relatati direttament mal-perjodu tas-servizz u huma kkalkulati permezz ta' referenza għas-salarju aħħari ta' l-uffiċjal pubbliku. Għal raġunijiet ta' ċarezza, għalhekk huwa xieraq li ssir preparazzjoni speċifika għal dak il-għan.

[…]

(22) Skond l-Artikolu [157(4) TFUE], bil-ħsieb li tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma jżommx l-Istati Membri milli jżommu jew jadottaw miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi sabiex jagħmluha aktar faċli għas-sess sotto-rappreżentat milli jsegwi xi attività vokazzjonali jew sabiex timpedixxi jew tikkumpensa għal żvantaġġi fil-karrieri professjonali. Magħrufa s-sitwazzjoni attwali u meħud kont tad-Dikjarazzjoni Nru 28 mat-Trattat ta' Amserdam, l-Istati Membri għandhom, fl-ewwel post, jimmiraw sabiex itejbu s-sitwazzjoni tan-nisa fil-ħajja tax-xogħol."

8 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/54:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Għal dan il-għan, hi fiha dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali f'relazzjoni ma':

[…]

(ċ) l-iskemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali.

[…]"

9 L-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'diskriminazzjoni diretta': fejn persuna waħda tiġi trattata minħabba s-sess b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi trattata, ġiet trattata jew kieku tiġi trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli;

[…]

(f) 'skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali': skemi li mhumiex regolati mid-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215)] li l-għan tagħhom huwa li jipprovdu lill-ħaddiema, kemm jekk impjegati u kemm jekk jaħdmu għal rashom, f'impriża jew fi grupp ta' impriżi, f'qasam ta'

attività ekonomika, settur jew grupp ta' setturi tax-xogħol b'benefiċċji maħsuba biex iżidu l-benefiċċji pprovduti minn skemi statutorji ta' sigurtà soċjali jew biex jissostitwixxuhom, kemm jekk is-sħubija fi skemi ta' din ix-xorta tkun obbligatorja u kemm jekk tkun b'għażla".

10 Intitolat "Azzjoni posittiva", l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/54 jipprevedi:

"L-Istati Membri jistgħu izommu jew jadottaw mizuri fis-sens ta' l-Artikolu [157(4) TFUE] bil-ħsieb li tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol."

11 Il-Kapitolu 2, intitolat "Trattament ugwali fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali", tat-Titolu II tad-Direttiva 2006/54, jinkludi b'mod partikolari l-Artikoli 5, 7 u 9 tagħha.

12 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jiddisponi:

"[…] m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali skemi u l-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għalihom;

[…]"

13 Intitolat "Kamp ta' applikazzjoni materjali", l-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"1. Dan il-Kapitolu japplika għal:

(a) skemi okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali li jipprovdu ħarsien kontra r-riskji li ġejjin:

[…]
(iii) ix-xjuħija, inkluż l-irtirar kmieni,

[…]

[…]

2. Dan il-Kapitolu japplika wkoll għall-iskemi tal-pensjoni għal kategorija partikolari ta' ħaddiem bħal dik ta' l-uffiċjali pubbliċi jekk il-benefiċċji li jitħallsu skond l-istess skema jitħallsu minħabba r-relazzjoni ta' l-impjieg ma' min iħaddem fis-settur pubbliku. Il-fatt li tali skema tifforma parti mill-iskema ġenerali ta' l-istat għandu jkun mingħajr preġudizzju f' dak ir-rigward."

14 Skont l-Artikolu 9 tal-istess direttiva, intitolat "Eżempji ta' diskriminazzjoni":

"1. Dispożizzjonijiet kuntrarji għall-prinċipju ta' trattament ugwali għandhom jinkludu dawk ibbażati fuq is-sess, jew direttament jew indirettament, sabiex:

[…]

(f) ikunu ffissati etajiet differenti ta' l-irtirar;

[…]"

***Id-dritt Pollakk***

*Il-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji*

15 L-Artikolu 69(1) u (3) tal-ustawa – Prawo o ustroju sądów powszechnych (il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji) tas-27 ta' Lulju 2001 (Dz. U. Nru 98, titlu 1070, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Qrati Ordinarji"), kien ifformulat kif ġej:

"1. Imħallef għandu jirtira meta jagħlaq 67 sena […], sakemm, mhux iktar tard minn sitt xhur qabel ma jagħlaq din l-età, huwa jissottometti stqarrija lill-Ministru għall-Ġustizzja li tindika x-xewqa tiegħu li jkompli fil-kariga tiegħu u jippreżenta ċertifikat, maħruġ skont ir-regoli speċifikati għall-kandidati li japplikaw għal kariga ġudizzjarja, li jikkonferma li s-saħħa tiegħu ma hijiex impediment għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' mħallef.

[…]

3. Meta imħallef jissottometti stqarrija u jippreżenta ċertifikat fis-sens tal-paragrafu 1, huwa jista' jeżerċita l-funzjoni tiegħu biss sal-età ta' 70 sena magħluqa. […]"

16 L-Artikolu 69(1) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, qabelxejn, ġie emendat mill-ustawa o zmianie ustawy o emeryturach i rentach z Funduszu Ubezpieczeń Społecznych oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Irtirar u Pensjonijiet Oħra li Jitħallsu mill-Fond tas-Sigurtà Soċjali u Ċerti Liġijiet Oħra) tas-16 ta' Novembru 2016 (Dz. U. tal-2017, titlu 38, iktar 'il quddiem il-"Liġi tas-16 ta' Novembru 2016"), li naqqset l-età tal-irtirar tal-imħallfin għal 65 sena, kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Din l-emenda kellha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017.

17 Madankollu, anki qabel ma din l-emenda daħlet fis-seħħ, l-imsemmi Artikolu 69(1) ġie emendat mill-ġdid permezz tal-punt 1 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017. Bħala konsegwenza tal-imsemmija emenda, l-età tal-irtirar tal-imħallfin ġiet stabbilita għal 60 sena għan-nisa u 65 sena għall-irġiel.

18 Il-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017 introduċew, barra minn hekk, paragrafu 1b ġdid mal-Artikolu 69 tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji filwaqt li emenda l-paragrafu 3 ta' dan l-aħħar artikolu.

19 Bħala konsegwenza tal-emendi msemmija fiż-żewġ punti preċedenti, l-imsemmi Artikolu 69 kien jipprevedi:

"1. Imħallef, fil-każ tan-nisa, għandha tirtira meta tagħlaq 60 sena jew, fil-każ tal-irġiel, meta jagħlaq 65 sena, sakemm, mhux iktar tard minn sitt xhur u mhux qabel tnax-il xahar qabel ma jagħlqu din l-età, huwa jew hija jissottomettu stqarrija lill-Ministru għall-Ġustizzja li tindika x-xewqa tiegħu jew tagħha li jkomplu fil-kariga tiegħu jew tagħha u jippreżentaw ċertifikat, maħruġ skont ir-regoli speċifikati għall-kandidati li japplikaw għal kariga ġudizzjarja, li jikkonferma li s-saħħa tiegħu jew tagħha ma hijiex impediment għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' mħallef.

[…]

1b. Il-Ministru għall-Ġustizzja jista' jagħti l-kunsens tiegħu biex imħallef ikompli fil-kariga tiegħu, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-użu razzjonali tal-persunal tal-qrati ordinarji u l-bżonnijiet li jirriżultaw mill-ammont ta' xogħol ta' qrati individwali. F'sitwazzjoni fejn il-proċedura marbuta mal-kontinwazzjoni tal-imħallef fil-kariga tiegħu għadha ma waslitx fi tmiemha wara li jagħlaq l-età msemmija fil-paragrafu 1, l-imħallef għandu jibqa' fil-kariga tiegħu sakemm din il-proċedura tintemm.

[…]

3. Fil-każ li l-Ministru għall-Ġustizzja jagħti l-kunsens imsemmi fl-Artikolu 69(1b), imħallef jista' jkompli fil-kariga tiegħu biss sakemm jagħlaq 70 sena. […]"

20 Skont l-Artikolu 91 tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji:

"1. Il-livell ta' remunerazzjoni tal-imħallfin li jokkupaw karigi ġudizzjarji ekwivalenti għandu jsirlu distinzjoni skont it-tul ta' servizz jew il-funzjonijiet imwettqa:

[…]

1c. Is-salarju bażiku annwali tal-imħallfin huwa bbażat fuq ir-remunerazzjoni medja tat-tieni trimestru tas-sena preċedenti, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja (Monitor Polski) […]

[…]

2. Is-salarju bażiku ta' mħallef għandu jkun espress fi gradi, li l-livell tagħhom għandu jiġi ddeterminat permezz tal-applikazzjoni ta' fatturi ta' multiplikazzjoni għall-bażi ta' determinazzjoni tas-salarju bażiku msemmi f'paragrafu 1(c). Il-gradi tas-salarju bażiku ta' karigi ġudizzjarji individwali u l-fatturi ta' multiplikazzjoni użati biex jiġi ddeterminat il-livell tas-salarju bażiku ta' mħallfin fi gradi individwali huma stabbiliti fl-anness ta' din il-liġi. […]

[…]

7. Iktar minn hekk, ir-remunerazzjoni tal-imħallfin għandu jsirilha distinzjoni ta' allowance għall-anzjanità li tammonta, mis-sitt sena ta' servizz, għal 5 % tas-salarju bażiku u li tiżdied kull sena b'1 % sakemm tilħaq l-20 % tas-salarju bażiku.

[…]"

21 L-Artikolu 91a tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji jiddisponi:

"1. Mad-dħul tiegħu fis-servizz, imħallef tas-[Sąd Rejonowy (il-Qorti Distrettwali, il-Polonja)] għandu jirċievi salarju bażiku fl-ewwel grad. Mad-dħul tiegħu fis-servizz, imħallef tas-[Sąd Okręgowy (il-Qorti Reġjonali, il-Polonja)] għandu jirċievi salarju bażiku fir-raba' grad; jekk kien diġà jirċievi, f'pożizzjoni inferjuri, salarju fir-raba' jew fil-ħames grad, is-salarju bażiku tiegħu għandu jkun, rispettivament, fil-ħames jew fis-sitt grad. Mad-dħul tiegħu fis-servizz, imħallef tas-[Sąd Apelacyjny (il-Qorti tal-Appell, il-Polonja)] għandu jirċievi salarju bażiku fis-seba' grad; jekk kien diġà jirċievi, f'pożizzjoni inferjuri, salarju fis-seba' jew fit-tmien grad, is-salarju bażiku tiegħu għandu jkun, rispettivament, fit-tmien jew fid-disa' grad. […]

[…]

3. Is-salarju bażiku ta' mħallef għandu jiġi stabbilit mill-ogħla grad sussegwenti wara l-konklużjoni ta' ħames snin servizz f'kariga ġudizzjarja partikolari.

4. Il-perijodu tal-mandat ta' mħallef awżiljarja għandu jiżdied ma' dak tal-mandat ta' mħallef ta' qorti distrettwali.

[…]"

22 Il-punt 1 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017 emenda il-paragrafu 1 tal-Artikolu 100 tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji u introduċa il-paragrafi 4a u 4b f'dan l-istess artikolu. Wara dawn l-emendi, l-imsemmi Artikolu 100 kien jiddisponi:

"1. Imħallef li kellu jirtira minħabba tibdiliet fis-sistema tal-qrati jew tibdiliet fil-konfini tad-distretti ġudizzjarji għandu jkun intitolat, fil-każ tan-nisa, sakemm l-imħallef tagħlaq l-età ta' 60 sena, u, fil-każ tal-irġiel, sakemm l-imħallef jagħlaq 65 sena, għal remunerazzjoni fl-ammont ta' remunerazzjoni rċevuta fil-kariga okkupata l-iktar reċenti.

2. Imħallef li rtira jew li kellu jirtira fuq il-bażi ta' età, mard jew telf ta' saħħa għandu jkun intitolat għal remunerazzjoni fl-ammont ta' 75 % tas-salarju bażiku u l-allowance għat-tul ta' servizz irċevuta fil-kariga okkupata l-iktar reċenti.

3. Ir-remunerazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiżdiedu skont it-tibdiliet tal-ammont tas-salarju bażiku tal-imħallfin li għadhom jaħdmu.

[...]

4a. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, imħallef irtirat għandu jirċievi ħlas uniku meta, fil-każ tan-nisa, l-imħallef tagħlaq 60 sena, u fil-każ tal-irġiel, meta l-imħallef jagħlaq 65 sena.

4b. Imħallef li rritorna għall-kariga li preċedentement kien jokkupa jew għal kariga ekwivalenti li preċedentement kien jokkupa skont l-Artikolu 71c(4) jew l-Artikolu 74(1a), f'każ li jirtira jew li kellu jirtira, huwa intitolat għal ħlas uniku fl-ammont li jikkonsisti fid-differenza bejn l-ammont tal-ħlas ikkalkolat dakinhar tal-irtirar u l-ammont tal-ħlas diġà mogħti. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 l-imħallef għandu jkun intitolat għall-ħlas meta, fil-każ tan-nisa, l-imħallef tagħlaq l-età ta' 60 sena, u fil-każ tal-irġiel, meta l-imħallef jagħlaq 65 sena."

*Il-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat*

23 L-Artikolu 127(1) tal-ustawa Prawo o prokuraturze (il-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat) tat-28 ta' Jannar 2016 (Dz. U. tal-2016, titlu 177), jistabbilixxi:

"Sakemm ma huwiex previst mod ieħor f'din il-Liġi, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 69 sa 71, [...] l-Artikoli 99 sa 102 [...] tal-[Liġi dwar il-Qrati Ordinarji] għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-avukati tal-Istat. [...]"

24 Skont l-Artikolu 124 tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat:

"1. L-ammont ta' remunerazzjoni tal-avukati tal-Istat li jokkupaw karigi ekwivalenti ta' avukati tal-Istat għandu jsirlu distinzjoni skont it-tul ta' servizz jew il-funzjonijiet imwettqa. [...]

2. Is-salarju bażiku tal-avukati tal-Istat għandu jiġi espress fi gradi, li l-livell tagħhom għandu jiġi ddeterminat permezz tal-applikazzjoni ta' fatturi ta' multiplikazzjoni għall-bażi ta' determinazzjoni tas-salarju bażiku tal-avukati tal-Istat.

3. Mad-dħul fis-servizz tagħhom, l-avukati tal-Istat għandhom jirċievu:

– f'[Prokuratura Rejonowa (Uffiċċju ta' Prosekutur Distrettwali, il-Polonja)], is-salarju bażiku fl-ewwel grad;

– f'[Prokuratura Okręgowa (Uffiċċju ta' Prosekutur Reġjonali, il-Polonja)], is-salarju bażiku fir-raba' grad; jekk huma diġà kienu jirċievu, f'pożizzjoni inferjuri, salarju fir-raba' jew fil-ħames grad, is-salarju bażiku tagħhom għandu jkun, rispettivament, fil-ħames jew fis-sitt grad;

– f'[Prokuratura Regionalna (Uffiċċju ta' Prosekutur Suprareġjonali, il-Polonja)], is-salarju bażiku fis-seba' grad; jekk huma diġà kienu jirċievu, f'pożizzjoni inferjuri, salarju fis-seba' jew fit-tmien grad, is-salarju bażiku tagħhom għandu jkun, rispettivament, fit-tmien jew fid-disa' grad.

[…]

5. Is-salarju bażiku ta' avukat tal-Istat għandu jiġi stabbilit mill-ogħla grad sussegwenti wara l-konklużjoni ta' ħames snin servizz f'kariga ta' avukat tal-Istat partikolari.

6. Il-perijodu tal-mandat ta' avukat tal-Istat awżiljarju għandu jiżdied ma' dak tal-mandat ta' avukat tal-Istat f'[Prokuratura Rejonowa (Uffiċċju ta' Prosekutur Distrettwali)].

[…]

11. L-avukati tal-Istat għandhom jirċievu allowance għall-anzjanità, li tirrappreżenta, b'effett mis-sitt sena ta' servizz, 5 % tas-salarju bażiku attwalment irċevut mill-persuni kkonċernati u din għandha tiżdied sussegwentement b'1 % kull sena, mingħajr, madankollu, ma taqbeż 20 % tas-salarju bażiku. Wara 20 sena ta' servizz, l-allowance għandha titħallas mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-anzjanità addizzjonali, u għandha tikkorrispondi għal 20 % tas-salarju bażiku attwalment irċevut mill-persuni kkonċernati.

[…]"

25 Il-punt 3 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017 emenda ċerti dispożizzjonijiet oħra tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat billi introduċa, b'mod partikolari, riferimenti għal etajiet ġodda għall-irtirar tal-avukati tal-Istat, jiġifieri 60 sena għan-nisa u 65 sena għall-irġiel.

*Il-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002*

26 L-Artikolu 30 tal-ustawa o Sądzie Najwyższym (il-Liġi dwar il-Qorti Suprema) tat-23 ta' Novembru 2002 (Dz. U. tal-2002, Nru. 240, titlu 2052, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002"), stabbilixxa, fil-paragrafu 1 tiegħu, l-età tal-irtirar għal imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) għal 70 sena. Madankollu, il-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu 30(2) kien jipprevedi li l-imħallfin li jagħmlu talba għall-irtirar setgħu jirtiraw wara li jkunu laħqu l-età ta' 67 sena.

27 L-Artikolu 30(2) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002, inizjalment, ġie emendat bil-Liġi tas-16 ta' Novembru 2016 li naqqset l-età li fiha tali talba setgħet tiġi fformulata għal 65 sena. Madankollu, anki qabel ma din l-emenda daħlet fis-seħħ, din l-istess dispożizzjoni ġiet emendata mill-ġdid bil-punt 2 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017. Fil-verżjoni wara din l-aħħar emenda, l-Artikolu 30(2) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 kien jipprevedi:

"L-imħallfin [tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema)] li jagħmlu talba għall-irtirar:

– wara li jilħqu l-età ta' 60 sena għan-nisa jew 65 sena għall-irġiel.

[…]"

28 L-Artikoli 42 u 43 tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 kienu jiddisponu:

"Artikolu 42.

[...]

(4) Ir-remunerazzjoni ta' mħallef [tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema)] għandha tiġi espressa bħala l-grad bażiku jew il-grad ta' promozzjoni. Il-grad ta' promozzjoni għandu jkun 115 % tal-grad awtomatiku.

(5) Imħallef [tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema)], mad-dħul tiegħu fis-servizz, għandu jirċievi salarju bażiku ta' grad awtomatiku. Wara servizz ta' seba' snin, is-salarju bażiku ta' dan l-imħallef għandu jiżdied għall-grad ta' promozzjoni.

[...]

Artikolu 43. Imħallef [tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema)] għandu jkun intitolat għal allowance għall-anzjanità li żżid is-salarju bażiku kull sena b'1 %, iżda mingħajr ma jinqabeż l-20 % ta' dan is-salarju. Il-perijodu ta' servizz li fuqu jiddependi l-ammont tal-allowance għandu jinkludi wkoll il-perijodu ta' servizz jew ir-relazzjoni ta' impjieg preċedenti għall-għażla tiegħu għal kariga ġudizzjarja [fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema)], kif ukoll il-perijodi ta' prattika professjonali bħala avukat, konsulent ġuridiku jew nutar."

29 L-Artikolu 50 tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 kien ifformulat kif ġej:

"Imħallef [tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema)] rtirat għandu jkun intitolat għal remunerazzjoni fl-ammont ta' 75 % tas-salarju bażiku u tal-allowance għat-tul ta' servizz rċevuta fil-kariga okkupata l-iktar reċenti. Il-kundizzjonijiet u l-ammonti ta' din ir-remunerazzjoni għandhom jiġu aġġustati kif xieraq għat-tibdiliet fis-salarju bażiku tal-imħallfin [tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema)] li għadhom jaħdmu."

30 Il-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 tħassret u ġiet issostitwita bl-ustawa o Sądzie Najwyższym (il-Liġi dwar il-Qorti Suprema) tat-8 ta' Diċembru 2017 (Dz. U. tal-2018, titlu 5, iktar 'il quddiem il-"Liġi tat-8 ta' Diċembru 2017"), li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' April 2018.

## Il-proċedura prekontenzjuża

31 Peress li qieset li, minħabba l-adozzjoni tal-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 u tal-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt, minn naħa, l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 5(a) u l-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54, u, min-naħa l-oħra, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, il-Kummissjoni, fit-28 ta' Lulju 2017, bagħtet ittra ta' intimazzjoni lil dan l-Istat Membru. Dan tal-aħħar wieġeb b'ittra tal-31 ta' Awwissu 2017, li fiha kkontesta kwalunkwe ksur tad-dritt tal-Unjoni.

32 Fit-12 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata fejn sostniet li d-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-punt preċedenti kienu jiksru l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, din l-istituzzjoni stiednet lir-Repubblika tal-Polonja sabiex tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-imsemmija opinjoni motivata f'terminu ta' xahar minn meta tirċeviha. Dan l-Istat Membru wieġeb permezz ta' ittra tat-12 ta' Ottubru 2017 li fiha wasal għall-konklużjoni li l-ksur allegat ma kienx jeżisti.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

**Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

34 Wara l-fażi bil-miktub tal-proċedura li matulha r-Repubblika tal-Polonja ppreżentat risposta u, sussegwentement, kontroreplika bħala tweġiba għar-replika li ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni, il-partijiet ippreżentaw l-argumenti orali tagħhom fis-seduta li nżammet fit-8 ta' April 2019. L-Avukat Ġenerali ppreżenta l-konklużjonijiet tiegħu fl-20 ta' Ġunju 2019, u, konsegwentement, wara din id-data ngħalqet il-fażi orali tal-proċedura.

35 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Settembru 2019, ir-Repubblika tal-Polonja talbet il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura. Sabiex issostni t-talba tagħha, hija indikat, essenzjalment, li hija ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, li huma bbażati, b'mod partikolari, kif jirriżulta "mill-kontenut u mill-kuntest" ta' ċerti punti tagħhom kif ukoll minn punti simili li jirrigwardaw il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali li ġew ippreżentati fil-11 ta' April 2019 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:325), ibbażati fuq qari allegatament żbaljat tal-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, tas-sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117), u tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586), li huwa qari li, barra minn hekk, ma ġiex dibattut bejn il-partijiet.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprevedux il-possibbiltà, għall-partijiet, li jippreżentaw osservazzjonijiet b'risposta għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali (sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea, C-284/16, EU:C:2018:158, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Min-naħa l-oħra, bis-saħħa tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu r-rwol li jippreżenta pubblikament, bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, konformement mal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-intervent tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma hija marbuta la minn dawn il-konklużjonijiet u lanqas mill-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Avukat Ġenerali jasal għalihom. Konsegwentement, in-nuqqas ta' qbil ta' parti mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ikunu xi jkunu l-kwistjonijiet li huwa jeżamina fihom, fih innifsu ma jistax jikkostitwixxi raġuni li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura (sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea, C-284/16, EU:C:2018:158, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fi kwalunkwe ħin, wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, konformement mal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, b'mod partikolari jekk hija tqis li ma tkunx informata biżżejjed jew meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma kienx diskuss mill-partijiet (sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea, C-284/16, EU:C:2018:158, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis madankollu, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, permezz tal-fażi bil-miktub tal-proċedura u tas-seduta li nżammet quddiemha, li hija għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tiddeċiedi. Hija tirrileva, madankollu, li l-kawża ma għandhiex tiġi deċiża abbażi ta' argument li ma ġiex dibattut mill-partijiet.

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

## Fuq ir-rikors

### *Fuq iż-żamma tas-suġġett tat-tilwima*

41 Fil-kontroreplika tagħha u matul is-seduta, ir-Repubblika tal-Polonja sostniet li din il-proċedura għal konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma kienx għad għandha skop minħabba d-dħul fis-seħħ, fit-23 ta' Mejju 2018, tal-ustawa o zmianie ustawy – Prawo o ustroju sądów powszechnych, ustawy o Krajowej Radzie Sądownictwa oraz ustawy o Sądzie Najwyższym (il-Liġi li Temenda l-[Liġi dwar il-Qrati Ordinarji], il-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura kif ukoll il-[Liġi tat-8 ta' Diċembru 2017]) tat-12 ta' April 2018 (Dz. U. tal-2018, titlu 848, iktar 'il quddiem il-"Liġi tat-12 ta' April 2018").

42 Fir-rigward tal-ewwel ilment, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 157 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 5(a) u tal-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54, il-punt 4 tal-Artikolu 1 tal-Liġi tat-12 ta' April 2018 fil-fatt emenda d-dispożizzjonijiet tal-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017 billi ħassar id-differenzi bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki kif ukoll tal-avukati tal-Istat Pollakk, ħaġa li l-Kummissjoni tikkontesta. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-età tal-irtirar tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), dawn fil-frattemp kienu ġew issostitwiti b'dawk li jinsabu fil-Liġi tat-8 ta' Diċembru 2017.

43 Fir-rigward tat-tieni lment, ibbażat fuq il-ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, l-emendi tal-punt 1 tal-Artikolu 13 u tal-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017, permezz tal-punt 4 tal-Artikolu 1 tal-Liġi tat-12 ta' April 2018, kellhom il-konsegwenza li l-Artikolu 69(1b) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji issa jipprevedi li issa huwa l-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura (il-Polonja) u mhux il-Ministru għall-Ġustizzja li għandu jawtorizza li mħallef tal-qrati ordinarji Pollakki jkompli fil-kariga tiegħu lil hinn mill-età ta' 65 sena. Bis-saħħa tal-imsemmija emendi, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura huwa, barra minn hekk, imsejjaħ li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward fid-dawl ta' kriterji differenti minn dawk li sa dak iż-żmien kienu japplikaw fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Ministru għall-Ġustizzja.

44 Min-naħa tagħha, waqt is-seduta, il-Kummissjoni indikat iż-żamma tar-rikors tagħha.

45 F'dan ir-rigward, u mingħajr ma jkun hemm lok li jiġi eżaminat jekk l-emendi leġiżlattivi invokati mir-Repubblika tal-Polonja jistgħux ikunu temmew, totalment jew parzjalment, in-nuqqasijiet allegati ta' twettiq ta' obbligu, huwa biżżejjed li jitfakkar, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, li l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata fid-dawl ta' kif kienet is-sitwazzjoni tal-Istat Membru inkwistjoni fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata u li l-bidliet li jkunu seħħew sussegwentement ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-286/12, EU:C:2012:687, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 F'dan il-każ, huwa stabbilit li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu kkontestati mill-Kummissjoni permezz ta' dan ir-rikors kienu għadhom fis-seħħ fid-data meta skada t-terminu stabbilit mill-Kummissjoni fl-opinjoni motivata tagħha. Minn dan isegwi li hemm lok, għall-Qorti tal-Ġustizzja, li tiddeċiedi fuq l-imsemmi rikors.

### *Fuq l-ewwel ilment*

*L-argumenti tal-partijiet*

47 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni ssostni li d-distinzjonijiet magħmula, fil-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017, bejn in-nisa u l-irġiel, f'dak li jirrigwarda, minn naħa, l-età tal-irtirar għall-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki u għall-avukati tal-Istat Pollakk, u, min-naħa l-oħra, l-età li warajha l-irtirar huwa possibbli fir-rigward tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), jiġifieri, fiż-żewġ każijiet, l-età ta' 60 sena għan-nisa u ta' 65 sena għall-irġiel, jikkostitwixxu diskriminazzjonijiet ibbażati fuq is-sess ipprojbiti mill-Artikolu 157 TFUE kif ukoll mill-Artikolu 5(a) u mill-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54.

48 Skont il-Kummissjoni, l-iskemi tal-pensjoni applikabbli għal dawn it-tliet kategoriji ta' mħallfin jew avukati tal-Istat jaqgħu taħt il-kunċett ta' "remunerazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE u fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/54, peress li jissodisfaw it-tliet kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri li l-pensjoni ta' rtirar prevista minn dawn l-iskemi tikkonċerna biss kategorija partikolari ta' ħaddiema, li hija direttament relatata maż-żmien ta' servizz imwettaq u li l-ammont tagħha għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-aħħar salarju.

49 Fil-fatt, l-ewwel nett, l-imsemmija skemi kienu kollha jikkonċernaw kategorija partikolari ta' ħaddiema. It-tieni nett, l-ammont tal-pensjoni ta' rtirar tal-persuni kkonċernati huwa kkalkolat abbażi tar-remunerazzjoni rċevuta għall-aħħar pożizzjoni li kienet okkupata peress li dan huwa stabbilit għal 75 % tal-imsemmija remunerazzjoni. It-tielet nett, din il-pensjoni tiddependi direttament miż-żmien ta' servizz imwettaq peress li mid-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli jirriżulta li n-numru ta' snin ta' servizz jikkostitwixxi fattur deċiżiv għall-kalkolu ta' kull wieħed miż-żewġ komponenti ta' din l-istess remunerazzjoni, jiġifieri s-salarju bażiku, minn naħa, u l-allowance għall-anzjanità, min-naħa l-oħra.

50 Issa, kemm l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 5(a) u l-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54 jipprekludu l-iffissar ta' kundizzjonijiet ta' età differenti skont is-sess għall-għoti ta' tali pensjonijiet.

51 Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li d-distinzjonijiet kontenzjużi ma jikkostitwixxux miżuri ta' azzjoni pożittiva awtorizzati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 157(4) TFUE u tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/54.

52 Min-naħa tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni, prinċipalment, li l-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni ma jaqgħu la taħt l-Artikolu 157 TFUE u lanqas taħt id-Direttiva 2006/54, iżda taħt id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215), li l-Artikolu 7(1)(a) tagħha jipprevedi l-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-aħħar direttiva l-kwistjoni tal-iffissar tal-età tal-irtirar bl-għoti ta' pensjoni. Fil-fatt, dawn l-iskemi ma jissodisfawx wieħed mit-tliet kriterji msemmija fil-punt 48 ta' din is-sentenza, jiġifieri li l-pensjoni inkwistjoni għandha tiddependi direttament miż-żmien ta' servizz imwettaq.

53 Il-fatt li l-allowance għall-anzjanità hija limitata għal 20 % tas-salarju bażiku u li tali limitu jintlaħaq wara 20 sena ta' karriera jimplika, fil-fatt, li l-perijodu ta' servizz għandu importanza sekondarja biss għall-kalkolu tal-ammont tal-pensjoni.

54 Fir-rigward tas-salarju bażiku, fid-dawl tal-fatt li, mad-dħul tiegħu fis-servizz mas-Sąd Rejonowy (il-Qorti Distrettwali) jew mal-Prokuratura Rejonowa (l-Uffiċċju ta' Prosekutur Distrettwali), imħallef jew avukat tal-Istat għandu jirċievi remunerazzjoni ffissata għall-grad bażiku u li dan għandu jibbenefika minn salarju bażiku ta' grad immedjatament ogħla wara ħames snin f'tali pożizzjoni, kull

imħallef jew avukat tal-Istat għandu jibbenefika mill-ħames grad ta' promozzjoni, jiġifieri l-ogħla wieħed, wara 20 sena ta' servizz. Il-ksib ta' gradi ta' promozzjoni minħabba t-trasferiment għal livell ogħla ta' funzjonijiet jiddependi minn promozzjonijiet individwali tal-imħallfin jew avukati tal-Istat ikkonċernati u għalhekk ma huwiex direttament marbut maż-żmien ta' servizz imwettaq.

55 Għalhekk, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, l-imħallfin u l-avukati tal-Istat kollha, irġiel u nisa, inklużi dawk li preċedentement eżerċitaw attivitajiet professjonali oħra li jikkwalifikaw bħala mandat ta' mħallef jew ta' avukat tal-Istat, għandhom jibbenefikaw mill-allowance għall-anzjanità massimu u mis-salarju bażiku miżjud għall-massimu ferm qabel ma jkunu laħqu l-età tal-irtirar. Dan għandu l-konsegwenza li d-differenza fl-età tal-irtirar bejn l-irġiel u n-nisa introdotta mil-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017 ma għandha l-ebda impatt fuq l-ammont tal-pensjoni ta' rtirar li dawn l-imħallfin jew avukati tal-Istat għandhom jirċievu, u dan jgħodd anki fil-każ ta' rtirar kmieni, peress li dan tal-aħħar ikun fil-fatt ikkundizzjonat mir-rekwiżit li jkun jista' jiġi ġġustifikat b'tal-inqas 25 snin ta' karriera professjonali.

56 Fl-aħħar nett, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, meta d-dispożizzjonijiet ikkontestati mill-Kummissjoni kienu għadhom fis-seħħ, kienu jeżistu dispożizzjonijiet tranżitorji, jiġifieri dawk previsti fl-Artikolu 26(1) u (2) tal-Liġi tas-16 ta' Novembru 2016, li abbażi tagħhom l-imħallfin jew l-avukati tal-Istat kollha, kemm nisa kif ukoll irġiel, imsemmija fil-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017 u li laħqu l-età ta' 60 sena għan-nisa jew 65 sena għall-irġiel sa mhux iktar tard mit-30 ta' April 2018, setgħu jibbenefikaw mill-età tal-irtirar kif kienet stabbilita qabel, identika għall-irġiel u għan-nisa, suġġetta għas-sempliċi preżentazzjoni ta' stqarrija fit-termini legali preskritti u mingħajr bżonn ta' ebda awtorizzazzjoni min-naħa ta' xi awtorità.

57 Sussidjarjament, ir-Repubblika tal-Polonja tqis li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kkontestati jikkostitwixxu "miżuri ta' azzjoni pożittiva awtorizzati" skont l-Artikolu 157(4) TFUE u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/54. Fil-fatt, minħabba r-rwol soċjali partikolari tagħhom marbut mal-maternità u mal-edukazzjoni tat-tfal, in-nisa jkollhom iktar diffikultajiet sabiex jinvolvu ruħhom b'mod kontinwu f'karriera professjonali b'tali mod li jibbenefikaw minn promozzjonijiet professjonali inqas ta' spiss mill-irġiel. Issa, l-interess pubbliku jeżiġi li r-rekwiżiti stabbiliti għal tali promozzjonijiet jibqgħu għolja u uniformi, ħaġa li tagħmilha impossibbli li jkun hemm l-adozzjoni ta' miżuri ta' flessibbiltà speċifiċi sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom in-nisa sabiex jevolvu l-karriera tagħhom. Il-possibbiltà ta' rtirar kmieni għalhekk tikkostitwixxi kumpens indirett għall-inkonvenjenzi li dawn normalment ġarrbu.

*L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

58 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 157(1) TFUE, kull Stat Membru għandu jiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' remunerazzjoni ugwali għall-ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa għall-istess xogħol jew għal xogħol tal-istess valur. Konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 157(2) TFUE, ir-remunerazzjoni hija ddefinita bħala r-remunerazzjoni jew is-salarju komuni bażiku jew minimu u kwalunkwe remunerazzjoni oħra, sew jekk fi flus jew *in natura*, li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament, għall-impjieg tiegħu, mingħand il-persuna li timpjegah.

59 Sabiex jiġi evalwat jekk pensjoni ta' rtirar taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE, huwa biss il-kriterju bbażat fuq il-konstatazzjoni li l-pensjoni titħallas lill-ħaddiem minħabba r-relazzjoni ta' xogħol li torbtu mal-persuna li kienet timpjegah preċedentement, jiġifieri, il-kriterju tal-impjieg, ibbażat fuq il-kliem stess tal-imsemmi artikolu, li jista' jkun ta' natura determinanti (sentenza tal-15 ta' Jannar 2019, E.B., C-258/17, EU:C:2019:17, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata). Benefiċċji mogħtija taħt skema tal-pensjoni, li essenzjalment hija relatata mal-impjieg tal-persuna kkonċernata,

jifformaw parti mir-remunerazzjoni li din il-persuna tirċievi u jaqgħu fil-kuntest tal-imsemmija dispożizzjoni (sentenza tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-559/07, mhux ippubblikata, EU:C:2009:198, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Skont ġurisprudenza stabbilita, taqa' b'mod partikolari fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE l-pensjoni li taffettwa biss kategorija partikolari ta' ħaddiema, li hija direttament relatata mal-perijodu ta' servizz imwettaq u li l-ammont tagħha huwa kkalkolat abbażi tal-aħħar salarju (sentenza tal-15 ta' Jannar 2019, E.B., C-258/17, EU:C:2019:17, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 F'dan il-każ, l-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki, l-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) u l-avukati tal-Istat Pollakk li għalihom japplikaw it-tliet skemi tal-pensjoni inkwistjoni għandhom jitqiesu bħala kategoriji partikolari ta' ħaddiema fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti. F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta, fil-fatt, li uffiċjali li jibbenefikaw minn skema tal-pensjoni huma distinti minn ħaddiema miġbura f'impriża jew fi grupp ta' impriżi, f'qasam ekonomiku jew f'settur professjonali jew interprofessjonali biss minħabba l-karatteristiċi speċifiċi li jirregolaw ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom mal-Istat, ma' korpi jew persuni pubbliċi oħra li jimpjegaw (sentenzi tad-29 ta' Novembru 2001, Griesmar, C-366/99, EU:C:2001:648, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-559/07, mhux ippubblikata, EU:C:2009:198, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Huwa wkoll stabbilit li, f'dan il-każ, l-ammont tal-pensjoni ta' rtirar imħallsa lil kull waħda minn dawn it-tliet kategoriji ta' mħallfin jew avukati tal-Istat ikkonċernati huwa kkalkolat abbażi tal-aħħar salarju tal-persuni kkonċernati. Fil-fatt, mill-Artikolu 100(2) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, mill-Artikolu 127(1) tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, li jirreferi għall-imsemmi Artikolu 100, u mill-Artikolu 50 tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 jirriżulta li l-ammont tal-pensjoni mħallsa lil dawn l-imħallfin jew avukati tal-Istat huwa ffissat għal 75 % tas-salarju bażiku u tal-allowance għall-anzjanità li dawn jirċievu skont l-aħħar pożizzjoni okkupata.

63 Fir-rigward tal-kwistjoni jekk tali pensjonijiet humiex direttament relatati mal-perijodu ta' servizz imwettaq mill-persuni kkonċernati, hemm lok li jiġi kkonstatat, minn naħa, li mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 91(1) u mill-Artikolu 91a(3) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, mill-Artikolu 124(1) u (5) tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat u mill-Artikolu 42(4) u (5) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 jirriżulta li l-ammont tas-salarju bażiku li jikkostitwixxi wieħed miż-żewġ komponenti tal-aħħar remunerazzjoni li għaliha hija applikata perċentwali ta' 75 % sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-pensjoni li għandu jitħallas lil dawn il-kategoriji differenti ta' mħallfin jew avukati tal-Istat jinbidel, b'mod partikolari, skont l-anzjanità tal-imħallfin jew avukati tal-Istat ikkonċernati.

64 Min-naħa l-oħra, u fir-rigward tal-komponent l-ieħor ta' din ir-remunerazzjoni tal-aħħar, jiġifieri l-allowance għall-anzjanità, mill-Artikolu 91(7) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, mill-Artikolu 124(11) tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, u mill-Artikolu 43 tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 jirriżulta li n-numru ta' snin ta' servizz jidħol fil-kalkolu ta' din l-allowance, peress li din tammonta għal 5 % tas-salarju bażiku wara ħames snin ta' servizz u li din tiżdied sussegwentement b'punt wieħed għal kull sena ta' servizz għal ħmistax-il sena.

65 Barra minn hekk, u kif osservat il-Kummissjoni, l-allowance għall-anzjanità, peress li din stess tikkostitwixxi perċentwali tal-ammont ta' dan is-salarju bażiku, li jinbidel skont l-anzjanità tal-imħallfin jew avukati tal-Istat ikkonċernati, hija kkalkolata wkoll skont il-perijodu ta' servizz imwettaq mill-persuni kkonċernati.

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-diversi ċirkustanzi invokati mir-Repubblika tal-Polonja msemmija fil-punti 53 sa 55 ta' din is-sentenza ma humiex rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk il-pensjonijiet imħallsa taħt l-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni jaqgħux taħt il-kunċett ta' "remunerazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE.

67 Fil-fatt, tali ċirkustanzi ma jaffettwaw la l-fatt li, kif jirriżulta mill-konstatazzjonijiet magħmula fil-punti 63 sa 65 ta' din is-sentenza, it-tul tas-servizz imwettaq mill-persuni kkonċernati għandu f'dan il-każ rwol determinanti fil-kalkolu tal-ammont tal-pensjoni tagħhom u lanqas il-fatt li l-pensjonijiet imħallsa taħt l-iskemi tal-pensjoni kkonċernati jiddependu, fil-parti l-kbira, mill-impjieg li kellhom il-persuni kkonċernati, li, skont il-ġurisprudenza stabbilita mfakkra fil-punt 59 ta' din is-sentenza, jikkostitwixxi l-kriterju determinanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala "remunerazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Settembru 1994, Beune, C-7/93, EU:C:1994:350, punti 5 u 46; tad-29 ta' Novembru 2001, Griesmar, C-366/99, EU:C:2001:648, punti 33 sa 35, kif ukoll tat-12 ta' Settembru 2002, Niemi, C-351/00, EU:C:2002:480, punti 45 u 55).

68 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat, barra minn hekk, li, kif sostniet il-Kummissjoni, din ir-rabta bejn il-pensjoni u l-impjieg eżerċitat mill-persuni kkonċernati hija msaħħa iktar mill-fatt li mill-Artikolu 100(3) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, mill-Artikolu 127(1) tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, li jirreferi għall-imsemmi Artikolu 100, u mill-Artikolu 50 tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 jirriżulta li l-pensjonijiet ikkonċernati huma s-suġġett ta' rivalorizzazzjonijiet li huma stess jiddependu fuq il-bdil fir-remunerazzjoni tal-imħallfin jew avukati tal-Istat li għadhom jaħdmu.

69 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li pensjonijiet imħallsa taħt skemi bħal dawk stabbiliti mil-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, mil-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat u mil-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 jaqgħu taħt il-kunċett ta' "remunerazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE.

70 Fir-rigward tad-Direttiva 2006/54, b'mod partikolari l-Artikolu 5(a) u l-Artikolu 9(1)(f) tagħha, li l-Kummissjoni tallega wkoll il-ksur tagħhom, għandu jiġi rrilevat li dawn id-dispożizzjonijiet jinsabu, it-tnejn li huma, fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-imsemmija direttiva, fejn dan il-kapitolu jinkludi, kif jirriżulta mit-titolu tiegħu, dispożizzjonijiet iddedikati għall-ugwaljanza fit-trattament fl-iskemi professjonali ta' sigurtà soċjali.

71 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/54, li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmi Kapitolu 2, jippreċiża, fil-paragrafu 2 tiegħu, li dan il-kapitolu japplika b'mod partikolari għall-iskemi tal-pensjoni intiżi għal kategorija partikolari ta' ħaddiema, bħal dik tal-uffiċjali, jekk il-benefiċċji li jitħallsu skont tali skema jitħallsu minħabba r-relazzjoni ta' impjieg mal-persuna pubblika li timpjega.

72 F'dan ir-rigward, mill-premessa 14 tad-Direttiva 2006/54 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jieħu konjizzjoni tal-fatt li, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 60 ta' din is-sentenza, skema tal-pensjoni għall-uffiċjali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' remunerazzjoni ugwali stabbilit fl-Artikolu 157 TFUE jekk il-benefiċċji li jitħallsu skont din l-iskema jitħallsu lill-ħaddiem minħabba r-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mal-persuna pubblika li timpjega, peress li tali kundizzjoni tkun issodisfatta jekk l-imsemmija skema tal-pensjoni tikkonċerna kategorija partikolari ta' ħaddiema u jekk il-benefiċċji jkunu direttament relatati mal-perijodu ta' servizz imwettaq u kkalkolati abbażi tal-aħħar salarju tal-uffiċjal.

73 Issa, mill-punti 61 sa 69 ta' din is-sentenza jirriżulta li t-tliet skemi tal-pensjoni kkonċernati minn dan ir-rikors jissodisfaw l-imsemmija kundizzjonijiet, b'tali mod li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tad-Direttiva 2006/54 u, għaldaqstant, taħt l-Artikoli 5 u 9 tagħha.

74 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, li l-Artikolu 157 TFUE jipprojbixxi kull diskriminazzjoni fil-qasam ta' remunerazzjoni bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa irrispettivament mill-mekkaniżmu li jiddetermina din l-inugwaljanza. Skont din l-istess ġurisprudenza, l-iffissar ta' kundizzjoni ta' età differenti skont is-sess għall-għoti ta' pensjoni li tikkostitwixxi remunerazzjoni fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE tmur kontra din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens,

is-sentenzi tas-17 ta' Mejju 1990, Barber, C-262/88, EU:C:1990:209, punt 32; tat-12 ta' Settembru 2002, Niemi, C-351/00, EU:C:2002:480, punt 53, kif ukoll tat-13 ta' Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-46/07, mhux ippubblikata, EU:C:2008:618, punt 55).

75 Fir-rigward tal-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 2006/54, dan jistabbilixxi li kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq is-sess hija pprojbita fl-iskemi professjonali ta' sigurtà soċjali, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal tali skemi.

76 Fir-rigward tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, dan l-artikolu jidentifika ċertu numru ta' dispożizzjonijiet li, meta jkunu bbażati fuq is-sess, kemm direttament, kif ukoll indirettament, għandhom jiġu kklassifikati fost id-dispożizzjonijiet kuntrarji għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Dan huwa b'mod partikolari l-każ, kif jirriżulta mill-punt (f) tal-imsemmija dispożizzjoni, tad-dispożizzjonijiet li huma bbażati fuq is-sess sabiex jiġu imposti etajiet differenti għall-irtirar. Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li r-regoli fil-qasam tal-iskemi professjonali ta' sigurtà soċjali li tirreferi għalihom l-imsemmija dispożizzjoni imorru kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit mid-Direttiva 2006/54 (sentenza tat-3 ta' Settembru 2014, X, C-318/13, EU:C:2014:2133, punt 48).

77 Issa, f'dan il-każ, huwa stabbilit li d-dispożizzjonijiet tal-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017, minħabba li dawn jistabbilixxu l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji u tal-avukati tal-Istat, rispettivament, għal 60 sena għan-nisa u għal 65 sena għall-irġiel, u peress li dawn jawtorizzaw il-possibbiltà ta' rtirar kmieni tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) mill-età ta' 65 sena għall-irġiel u minn 60 sena għan-nisa, huma bbażati fuq is-sess sabiex jiġu imposti etajiet differenti għall-irtirar.

78 B'dan il-mod, l-imsemmija dispożizzjonijiet jintroduċu kundizzjonijiet direttament diskriminatorji bbażati fuq is-sess fl-iskemi tal-pensjoni kkonċernati, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-mument li fih il-persuni kkonċernati jistgħu jibbenefikaw minn aċċess effettiv għall-vantaġġi previsti minn dawn l-iskemi, b'tali mod li jiksru kemm l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2006/54, b'mod partikolari l-punt (a) tiegħu, moqri flimkien mal-Artikolu 9(1)(f) ta' din l-istess direttiva.

79 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument tar-Repubblika tal-Polonja li l-iffissar, għall-irtirar, ta' tali kundizzjonijiet ta' età differenti skont is-sess huwa ġġustifikat mill-għan li jiġu eliminati diskriminazzjonijiet għad-detriment tan-nisa, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li dan ma jistax jintlaqa'.

80 Anki jekk l-Artikolu 157(4) TFUE jawtorizza lill-Istati Membri li jżommu jew li jadottaw miżuri li jipprevedu vantaġġi speċifiċi intiżi għall-prevenzjoni jew sabiex jikkumpensaw għal żvantaġġi fil-karriera professjonali, sabiex tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja professjonali, minn dan ma jistax jiġi dedott li din id-dispożizzjoni tippermetti l-iffissar ta' tali kundizzjonijiet ta' età differenti skont is-sess. Fil-fatt, il-miżuri nazzjonali koperti mill-imsemmija dispożizzjoni għandhom, fi kwalunkwe każ, jikkontribwixxu sabiex jgħinu lin-nisa jkollhom il-ħajja professjonali tagħhom fuq bażi ugwali għall-irġiel (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Novembru 2001, Griesmar, C-366/99, EU:C:2001:648, punt 64, u tat-13 ta' Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-46/07, mhux ippubblikata, EU:C:2008:618, punt 57).

81 Issa, l-iffissar, għall-irtirar, ta' kundizzjoni ta' età differenti skont is-sess ma huwiex ta' natura li jikkumpensa għall-iżvantaġġi li għalihom huma esposti l-karrieri tal-uffiċjali nisa billi jgħinu lil dawn in-nisa fil-ħajja professjonali tagħhom u billi jagħtuhom rimedju għall-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom matul il-karriera professjonali tagħhom (sentenza tat-13 ta' Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-46/07, mhux ippubblikata, EU:C:2008:618, punt 58).

82 Għar-raġunijiet esposti fiż-żewġ punti preċedenti, tali miżura ma tistax tiġi awtorizzata abbażi tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/54. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni u mill-premessa 22 ta' din id-direttiva, il-miżuri li tirreferi għalihom l-imsemmija dispożizzjoni huma biss dawk li jawtorizza l-Artikolu 157(4) TFUE nnifsu.

83 Fir-raba' lok, u fir-rigward tal-miżuri tranżitorji li għamlet riferiment għalihom ir-Repubblika tal-Polonja fil-kontroreplika tagħha u matul is-seduta, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-imsemmija miżuri setgħu, fi kwalunkwe każ u skont l-ammissjoni tal-imsemmi Stat Membru huwa stess, jibbenefikaw minnhom biss l-imħallfin jew avukati tal-Istat nisa li laħqu l-età ta' 60 sena qabel it-30 ta' April 2018. Għalhekk, minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li, fid-data rilevanti sabiex tiġi evalwata l-fondatezza ta' dan ir-rikors, jiġifieri, kif ġie mfakkar fil-punti 45 u 46 ta' din is-sentenza, dik li fiha skada t-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, kienu għadhom jeżistu d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq is-sess li l-Kummissjoni tilmenta dwarhom.

84 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel ilment tal-Kummissjoni, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 157 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 5(a) u tal-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54, għandu jintlaqa'.

### *Fuq it-tieni lment*

*Fuq il-portata tal-ilment*

85 Matul is-seduta, il-Kummissjoni ppreċiżat li, permezz tat-tieni lment tagħha, hija essenzjalment talbet li jiġi kkonstatat il-ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-kunċett ta' "protezzjoni ġudizzjarja effettiva" imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE għandu fil-fatt jiġi interpretat fid-dawl tal-kontenut tal-Artikolu 47 tal-Karta u, b'mod partikolari, tal-garanziji inerenti fid-dritt għal rimedju effettiv kif previst minn din l-aħħar dispożizzjoni, b'tali mod li l-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet timplika li għandha tiġi żgurata ż-żamma tal-indipendenza ta' qrati bħalma huma l-qrati ordinarji Pollakki li lilhom b'mod partikolari jiġi fdat il-kompitu tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

86 Għaldaqstant, sabiex tittieħed deċiżjoni dwar dan l-ilment, hemm lok li jiġi eżaminat jekk ir-Repubblika tal-Polonja naqsitx milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

*L-argumenti tal-partijiet*

87 Billi bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117), il-Kummissjoni ssostni li, sabiex tissodisfa l-obbligu impost fuqha mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li tipprovdi sistema ta' rimedji li jiżguraw stħarriġ ġudizzjarju effettiv fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, ir-Repubblika tal-Polonja hija marbuta, b'mod partikolari, li tiżgura li l-istanzi nazzjonali li, bħall-qrati ordinarji Pollakki, jistgħu jiddeċiedu fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan id-dritt jissodisfaw ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-imħallfin, peress li dan tal-aħħar jagħmel parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq kif jirriżulta, b'mod partikolari, mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

88 Issa, skont il-Kummissjoni, bit-tnaqqis, fil-punt 1 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017, tal-età tal-irtirar applikabbli għall-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki għal 65 sena għall-irġiel u għal 60 sena għan-nisa, billi tat lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa li jiddeċiedi dwar

jekk tingħatax estensjoni tal-perijodu tal-mandat tagħhom ta' mħallfin sal-età ta' 70 sena, skont il-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-imsemmija liġi, ir-Repubblika tal-Polonja kisret l-obbligu msemmi fil-punt preċedenti.

89 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li l-kriterji li abbażi tagħhom il-Ministru għall-Ġustizzja huwa mitlub jieħu d-deċiżjoni tiegħu huma wisq vagi u li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jobbligawhx, barra minn hekk, la li jawtorizza lill-imħallfin ikkonċernati jkomplu fil-kariga tagħhom abbażi tal-imsemmija kriterji u lanqas li jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu skont dawn il-kriterji, peress li l-imsemmija deċiżjoni barra minn hekk ma tistax tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. L-imsemmija dispożizzjonijiet lanqas ma jispeċifikaw f'liema terminu u lanqas f'kemm żmien għandha tittieħed din id-deċiżjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja u jekk din tistax jew għandhiex, jekk ikun il-każ, tiġġedded.

90 Skont il-Kummissjoni, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali li għandu l-Ministru għall-Ġustizzja, il-prospett li jkollok tindirizzah sabiex titlob tali estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef u, ladarba ssir tali talba, is-sitwazzjoni ta' stennija għad-deċiżjoni tal-Ministru għal perijodu ta' żmien mhux speċifikat jistgħu jiġġeneraw, fuq l-imħallef ikkonċernat, pressjoni li tista' twasslu sabiex ikun konformi max-xewqat tas-setgħa eżekuttiva fir-rigward tal-kawżi li huwa adit bihom, inkluż meta jkun meħtieġ jinterpreta u japplika d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet ikkontestati għalhekk jippreġudikaw l-indipendenza personali u funzjonali tal-maġistrati li għadhom jaħdmu.

91 Fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn l-istess dispożizzjonijiet jippreġudikaw ukoll l-irremovabbiltà tal-maġistrati kkonċernati. Il-Kummissjoni tenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-ilment tagħha jikkonċerna mhux il-miżura tat-tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin bħala tali, iżda l-fatt li dan it-tnaqqis f'dan il-każ kien akkumpanjat bl-għoti ta' setgħa diskrezzjonali lill-Ministru għall-Ġustizzja. Skont il-Kummissjoni, l-imħallfin għandhom fil-fatt jiġu protetti kontra kull deċiżjoni li ċċaħħadhom b'mod arbitrarju mid-dritt li jkomplu jeżerċitaw il-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom, mhux biss f'każ ta' telf formali tal-istatus tagħhom li jirriżulta, pereżempju, minn revoka, iżda wkoll meta teżisti l-kwistjoni dwar jekk tingħatax estensjoni ta' tali eżerċizzju wara li jkunu laħqu l-età tal-irtirar filwaqt li huma stess jixtiequ jkomplu jaħdmu u l-istat ta' saħħa tagħhom jippermetti dan.

92 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ssostni li l-argument imressaq mir-Repubblika tal-Polonja li d-dispożizzjonijiet ikkontestati kellhom l-għan li jallinjaw l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki mal-età ġenerali tal-irtirar applikabbli għall-ħaddiema huwa infondat peress li ma jista' jkun hemm l-ebda ġustifikazzjoni għal ksur tal-prinċipju ta' indipendenza tal-imħallfin. Fi kwalunkwe każ, l-iskema ġenerali ta' rtirar twassal, b'differenza għas-sistema kkontestata li tapplika għall-imħallfin tal-qrati ordinarji kkontestata, mhux għall-irtirar awtomatiku tal-ħaddiema iżda biss għad-dritt, u mhux għall-obbligu, li ma jibqgħux jaħdmu. Barra minn hekk, mill-white paper tat-8 ta' Marzu 2018 ippubblikata mill-Gvern Pollakk u ddedikata għar-riforma tal-qrati Pollakki, jirriżulta li l-għan tat-tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin kien, b'mod partikolari, li jeskludi ċerti kategoriji ta' mħallfin.

93 Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni, fl-ewwel lok, li r-regoli nazzjonali bħal dawk li tikkontesta l-Kummissjoni fir-rikors tagħha jirrigwardaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tajjeb tal-ġustizzja nazzjonali, li jaqgħu mhux taħt id-dritt tal-Unjoni jew taħt il-kompetenza ta' din tal-aħħar, iżda taħt il-kompetenza esklużiva u taħt l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri. Tali regoli nazzjonali għalhekk ma jistgħux jiġu mistħarrġa fid-dawl tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta, mingħajr ma jestendu b'mod eċċessiv il-portata tal-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, li fil-fatt huma intiżi sabiex japplikaw biss f'sitwazzjonijiet irregolati minn dan id-dritt.

94 F'dan il-każ, b'mod partikolari, ma hemm l-ebda sitwazzjoni ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Barra minn hekk, mill-Artikolu 6(1) TUE kif ukoll mill-Artikolu 51(2) tal-Karta jirriżulta li din la testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni, u lanqas toħloq xi kompetenza ġdida jew xi kompitu ġdid għaliha.

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jistabbilixxi biss obbligu ġenerali li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, mingħajr ma jagħti lil din tal-aħħar kompetenza f'dak li jikkonċerna l-adozzjoni tar-regoli bażiċi dwar is-setgħa ġudizzjarja, b'mod partikolari dawk relatati mal-età tal-irtirar tal-imħallfin, li ma għandhomx rabtiet reali mad-dritt tal-Unjoni.

95 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Polonja tikkontesta kull preġudizzju għall-irremovabbiltà tal-imħallfin peress li din tal-aħħar tikkonċerna biss l-imħallfin fil-kariga u li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet tirrigwarda l-imħallfin li jkunu diġà laħqu l-età tal-irtirar statutorja. Ladarba jirtiraw, l-imħallfin iżommu l-istatus tagħhom ta' mħallef u jiksbu d-dritt għal pensjoni ta' rtirar sinjifikattivament ogħla mill-benefiċċji tal-irtirar previsti mis-sistema ġenerali ta' sigurtà soċjali. F'dan il-każ, l-allinjament tal-età tal-irtirar għall-imħallfin ma' dik tas-sistema ġenerali ta' rtirar applikabbli għall-ħaddiema ma jistax, barra minn hekk, jitqies li huwa arbitrarju jew inġustifikat.

96 Fit-tielet lok, minn kriterji legali li abbażi tagħhom il-Ministru għall-Ġustizzja għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-estensjoni possibbli tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef lil hinn mill-età normali tal-irtirar jirriżulta li rifjut ta' estensjoni huwa aċċettabbli biss meta dan ikun iġġustifikat minn ammont ta' xogħol baxx tal-imħallef ikkonċernat fi ħdan il-qorti li fiha jokkupa pożizzjoni u minħabba l-bżonn li din il-pożizzjoni tiġi assenjata lil qorti oħra li jkollha ammont ta' xogħol ogħla. Tali miżura tkun leġittima fid-dawl, b'mod partikolari, tal-impossibbiltà, ħlief f'każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, li l-imħallfin jiġu ttrasferiti f'qorti oħra mingħajr il-kunsens tagħhom.

97 Fi kwalunkwe każ, hija infondata l-biża' li l-imħallfin fil-kariga jistgħu, għal perijodu ta' sitt xhur sa tnax-il xahar, ikunu mħajra li jiddeċiedu f'sens favorevoli fir-rigward ta' setgħa eżekuttiva, minħabba l-inċertezza fir-rigward tad-deċiżjoni li għandha tittieħed fir-rigward tal-estensjoni possibbli tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Fil-fatt, ikun żbaljat li wieħed jemmen li mħallef jista', wara li jkollu mandat bħala mħallef għal ħafna snin, iħoss pressjoni marbuta mal-possibbiltà li ma jkunx hemm estensjoni tal-funzjonijiet tiegħu għal numru ta' snin addizzjonali. Barra minn hekk, il-garanzija ta' indipendenza tal-imħallfin ma timplikax neċessarjament assenza assoluta ta' relazzjonijiet bejn is-setgħa eżekuttiva u dik ġudizzjarja. Għalhekk, it-tiġdid tal-mandat ta' mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jiddependi wkoll fuq l-evalwazzjoni tal-Gvern tal-Istat Membru li taħtu taqa' l-persuna kkonċernata.

*L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

*– Fuq l-applikabbiltà u l-portata tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE*

98 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 19 TUE, li jikkonkretizza l-valur tal-istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE, jagħti lill-qrati nazzjonali u lill-Qorti tal-Ġustizzja l-kompitu li jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja li l-partijiet fil-kawża jiksbu minn dan id-dritt (sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 47).

99 Għal dan l-għan, u kif previst mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jiżguraw lill-partijiet fil-kawża l-osservanza tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jipprevedu sistema ta' rimedji u ta' proċeduri li jiżguraw stħarriġ ġudizzjarju effettiv fl-imsemmija oqsma (sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 48).

100 Il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jibbażaw fuqu mid-dritt tal-Unjoni, li għalih jirreferi t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jikkostitwixxi, fil-fatt, prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jirriżulta mill-prassi kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri u li ġie stabbilit fl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, iffirmat f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 u li ġie affermat permezz tal-Artikolu 47 tal-Karta (sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 49).

101 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni tirreferi għal "oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni", indipendentement mis-sitwazzjoni li fiha l-Istati Membri jimplimentaw dan id-dritt, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta (sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 29, u tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 50).

102 Barra minn hekk, għalkemm, hekk kif tfakkar ir-Repubblika tal-Polonja, l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri taqa' fi ħdan il-kompetenza ta' dawn tal-aħħar, xorta jibqa' l-fatt li, meta jeżerċitaw din il-kompetenza, l-Istati Membri huma marbuta li jikkonformaw ruħhom mal-obbligi li jirriżultaw fil-konfront tagħhom mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE (sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 40, u tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

103 F'dan ir-rigward, kull Stat Membru għandu, bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, b'mod partikolari jiżgura li l-qrati, bħala "qorti" fis-sens kif iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, li huma parti mis-sistema ta' rimedji fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni u li jistgħu, għaldaqstant, jiddeċiedu, f'din il-kapaċità, dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 55 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

104 F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li l-qrati ordinarji Pollakki jistgħu, f'din il-kapaċità, jissejħu sabiex jiddeċiedu dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li, bħala "qorti", fis-sens iddefinit minn dan id-dritt, jaqgħu taħt is-sistema Pollakka ta' rimedji legali fl-"oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, b'tali mod li dawn il-qrati għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

105 Issa, sabiex jiġi żgurat li tali qrati ordinarji jkunu jistgħu joffru tali protezzjoni, il-preżervazzjoni tal-indipendenza ta' dawn il-qrati hija fundamentali, kif jikkonferma t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jsemmi l-aċċess għal qorti "indipendenti" fost ir-rekwiżiti marbuta mad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 53 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 57).

106 Dan ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati, li huwa inerenti għall-kompitu li tittieħed deċiżjoni, jagħmel parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, li għandu importanza kardinali sa fejn jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-partijiet fil-kawża jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni u l-ħarsien tal-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari tal-valur tal-istat tad-dritt (sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punti 48 u 63, kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 58).

107 Fid-dawl ta' dak li ntqal, ir-regoli nazzjonali msemmija fit-tieni lment ifformulat mill-Kummissjoni fir-rikors tagħha jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ fir-rigward tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u, għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, kif issostni din l-istituzzjoni, ir-Repubblika tal-Polonja kisritx din id-dispożizzjoni.

*– Fuq l-ilment*

108 Għandu jitfakkar li r-rekwiżit tal-indipendenza tal-qrati li l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-osservanza tiegħu, bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, fir-rigward tal-qrati nazzjonali li, bħall-qrati ordinarji Pollakki, huma msejħa sabiex jiddeċiedu dwar kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni u mal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu żewġ aspetti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 71).

109 L-ewwel aspett, ta' natura esterna, jeħtieġ li l-qorti kkonċernata teżerċita l-funzjonijiet tagħha b'awtonomija sħiħa, mingħajr ma tkun suġġetta għal xi rabta ġerarkika jew għal subordinazzjoni fir-rigward ta' xi ħadd u mingħajr ma tirċievi ordnijiet jew istruzzjonijiet minn kwalunkwe sors, b'tali mod li b'hekk tkun protetta kontra l-interventi jew il-pressjonijiet esterni li jistgħu jippreġudikaw l-indipendenza tal-ġudizzju tal-membri tagħha u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom (sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 72).

110 It-tieni aspett, ta' natura interna, huwa marbut min-naħa tiegħu mal-kunċett ta' imparzjalità u huwa intiż li jiżgura distanza ugwali fil-konfront tal-partijiet fit-tilwima u tal-interessi rispettivi tagħhom fid-dawl tas-suġġett tagħha. Dan l-aspett jirrikjedi l-osservanza tal-oġġettività u l-assenza ta' kull interess fl-eżitu tat-tilwima għajr l-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjoni legali (sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 65 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 73).

111 Dawn il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità jirrikjedu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-qorti, tal-ħatra, tat-tul tal-funzjonijiet kif ukoll tal-kawżi ta' astensjoni, ta' rikuża u ta' tkeċċija tal-membri tagħha, li jippermettu li jiġi eskluż kull dubju leġittimu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-imsemmija qorti fir-rigward ta' elementi esterni u fir-rigward tan-newtralità tagħha fil-konfront tal-interessi inkwistjoni (sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 66 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 74).

112 Kif jirriżulta wkoll minn ġurisprudenza stabbilita, il-libertà indispensabbli tal-imħallfin fir-rigward ta' kwalunkwe interventi jew pressjonijiet esterni tirrikjedi ċerti garanziji li jipproteġu lill-persuna ta' min għandha l-kompitu li tiddeċiedi, fosthom l-irremovabbiltà (sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 64 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 75).

113 Il-prinċipju ta' irremovabbiltà jirrikjedi, b'mod partikolari, li l-imħallfin ikunu jistgħu jibqgħu fil-kariga sakemm jilħqu l-età obbligatorja tal-irtirar jew sa tmiem il-mandat tagħhom meta dan tal-aħħar ikun għal perijodu speċifiku. Mingħajr ma dan ikollu natura totalment assoluta, l-imsemmi prinċipju jista' jiġi suġġett għal eċċezzjonijiet sakemm ikun hemm raġunijiet leġittimi u imperattivi li jiġġustifikawh, u dan fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Għalhekk huwa normalment aċċettat li l-imħallfin ikunu jistgħu jitkeċċew jekk ma jkunux jistgħu jkomplu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom minħabba

inkapaċità jew nuqqas serju, permezz tal-osservanza ta' proċeduri xierqa (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 76).

114 Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta b'mod iktar preċiż li r-rekwiżit ta' indipendenza jirrikjedi li r-regoli li jirregolaw is-sistema dixxiplinari u, konsegwentement, il-possibbiltà tat-tkeċċija ta' dawk li għandhom il-kompitu li jiġġudikaw, ikollhom il-garanziji meħtieġa sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' użu ta' tali sistema bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. F'dan ir-rigward, l-ippromulgar ta' regoli li jiddefinixxu, b'mod partikolari, kemm l-aġir li jikkostitwixxi ksur dixxiplinari kif ukoll is-sanzjonijiet applikabbli konkretament, li jipprevedu l-intervent ta' qorti indipendenti konformement ma' proċedura li tiggarantixxi b'mod sħiħ id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża, u li jistabbilixxu l-possibbiltà li d-deċiżjonijiet tal-korpi dixxiplinari jiġu kkontestati quddiem qorti, jikkostitwixxi ġabra ta' garanziji essenzjali għall-finijiet tal-ħarsien tal-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja (sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 67, kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 77).

115 Fid-dawl tal-importanza kardinali tal-prinċipju ta' irremovabbiltà, eċċezzjoni tista' tiġi aċċettata biss jekk tkun iġġustifikata minn għan leġittimu u proporzjonat fid-dawl ta' dan u sakemm ma tagħtix lok għal dubji leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-qrati kkonċernati fir-rigward tal-fatturi esterni u tan-newtralità tagħhom fir-rigward tal-interessi kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 79).

116 F'dan il-każ, u kif ippreċiżat kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha kif ukoll waqt is-seduta, permezz tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni ma għandhiex l-intenzjoni li tikkritika l-miżura tat-tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki bħala tali. Fil-fatt, dan l-ilment essenzjalment jirrigwarda l-mekkaniżmu li bih inħarġet din il-miżura, li permezz tiegħu l-Ministru għall-Ġustizzja huwa mogħti s-setgħa li jawtorizza t-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tal-imħallfin tal-imsemmija qrati li għadhom jaħdmu lil hinn mill-età tal-irtirar hekk imnaqqsa. Skont il-Kummissjoni, fir-rigward tal-karatteristiċi tiegħu, dan il-mekkaniżmu jippreġudika l-indipendenza tal-imħallfin ikkonċernati peress li ma jippermettix li jiġi żgurat li dawn jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'mod awtonomu billi jkunu protetti kontra interventi jew pressjonijiet esterni. Barra minn hekk, il-kombinazzjoni tal-imsemmija miżura u tal-imsemmi mekkaniżmu tippreġudika l-irremovabbiltà tal-persuni kkonċernati.

117 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat, preliminarjament, li l-mekkaniżmu hekk ikkritikat mill-Kummissjoni huwa relatat mhux mal-proċess ta' ħatra ta' kandidati għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji, iżda għall-possibbiltà, fil-każ ta' mħallfin fil-kariga li għaldaqstant igawdu mill-garanziji inerenti għall-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet, tat-tkomplija fl-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet lil hinn mill-età normali tal-irtirar, u li dan il-mekkaniżmu għalhekk jikkonċerna l-kundizzjonijiet għall-iżvolġiment u t-tmiem tal-karriera tagħhom (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 109).

118 Madankollu, filwaqt li huwa l-kompitu tal-Istati Membri biss li jiddeċiedu jekk jippermettux tali estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji lil hinn mill-età normali tal-irtirar, xorta jibqa' l-fatt li, meta jagħżlu tali mekkaniżmu, huma obbligati li jiżguraw li l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li għalihom hija suġġetta tali estensjoni ma jkunux tali li jimminaw il-prinċipju tal-indipendenza tal-imħallfin (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 110).

119 Fir-rigward tan-neċessità, imfakkra fil-punti 109 sa 111 ta' din is-sentenza, li jiġi żgurat li l-qrati ġudizzjarji jkunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'awtonomija sħiħa, bl-osservanza tal-oġġettività u fl-assenza ta' kull interess fl-eżitu tat-tilwima, billi jkunu protetti kontra l-interventi jew il-pressjonijiet esterni li jistgħu jippreġudikaw l-indipendenza tal-ġudizzju tal-membri tagħhom u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom, għandu, ċertament, jiġi rrilevat li l-fatt li korp bħall-Ministru għall-Ġustizzja għandu s-setgħa li jiddeċiedi jagħtix estensjoni possibbli tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji lil hinn mill-età normali tal-irtirar ma huwiex suffiċjenti, waħdu, sabiex jiġi konkluż li hemm l-eżistenza ta' ksur tal-prinċipju tal-indipendenza tal-imħallfin. Madankollu, hemm lok li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet ikunu tali li ma jkunux jistgħu jagħtu lok għal dubji leġittimi f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fir-rigward tal-fatturi esterni u tan-newtralità tagħhom fir-rigward tal-interessi kkonċernati (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 111).

120 Għal dak l-għan, huwa importanti, b'mod partikolari, li l-imsemmija kundizzjonijiet u modalitajiet jitfasslu b'tali mod li dawn l-imħallfin ikunu ħielsa minn kull possibbiltà ta' tentazzjoni li jċedu għal interventi jew pressjonijiet esterni li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tagħhom. Tali modalitajiet għandhom, b'mod partikolari, jippermettu l-esklużjoni mhux biss ta' kwalunkwe influwenza diretta, fil-forma ta' struzzjonijiet, iżda wkoll ta' forom iktar indiretti ta' influwenza li jistgħu jiggwidaw id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 112 u l-ġurisprudenza ċċitata).

121 Issa, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet proċedurali li għalihom id-dispożizzjonijiet nazzjonali kkontestati jissuġġettaw il-possibbiltà tat-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef tal-qrati ordinarji Pollakki lil hinn mill-età ġdida tal-irtirar ma jissodisfawx tali rekwiżiti.

122 Qabelxejn, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 69(1b) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji jipprevedi li l-Ministru għall-Ġustizzja jista' jiddeċiedi jekk jawtorizzax tali tkomplija abbażi ta' ċerti kriterji. Madankollu, dawn il-kriterji jidhru wisq vagi u mhux verifikabbli u, barra minn hekk, kif ammettiet ir-Repubblika tal-Polonja matul is-seduta, id-deċiżjoni tal-Ministru ma għandhiex tkun motivata, b'mod partikolari fid-dawl ta' dawn il-kriterji. Barra minn hekk, tali deċiżjoni ma tistax tkun is-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 114).

123 Sussegwentement, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 69(1) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, it-talba għall-estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji għandha ssir mill-imħallfin kkonċernati mhux iktar kmieni minn tnax-il xahar u mhux iktar tard minn sitt xhur qabel ma tintlaħaq l-età normali tal-irtirar. Barra minn hekk, kif sostniet il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u waqt is-seduta mingħajr ma dan ġie kkontestat mir-Repubblika tal-Polonja, l-imsemmija dispożizzjoni ma timponix terminu fuq il-Ministru għall-Ġustizzja li matulu dan għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu f'dan ir-rigward. Din id-dispożizzjoni, flimkien ma' dik tal-Artikolu 69(1b) ta' din l-istess liġi, li tipprevedi li, meta mħallef jilħaq l-età normali tal-irtirar qabel it-tmiem tal-proċedura intiża għal estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, il-persuna kkonċernata tibqa' fil-kariga sal-għeluq tal-imsemmija proċedura, tista' ttawwal il-perijodu ta' inċertezza li fih jinsab l-imħallef ikkonċernat. Minn dak li ntqal jirriżulta li t-tul tal-perijodu li matulu l-imħallfin jistgħu għalhekk jibqgħu jistennew id-deċiżjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja ladarba tkun intalbet l-estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom fl-aħħar mill-aħħar ukoll huwa suġġett għad-diskrezzjoni ta' dan tal-aħħar.

124 Fid-dawl ta' dak li ntqal, hemm lok li jiġi kkonstatat li s-setgħa li jgawdi minnha f'dan il-każ il-Ministru għall-Ġustizzja sabiex jawtorizza t-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef tal-qrati ordinarji Pollakki, mill-età ta' 60 sena sal-età ta' 70 sena għan-nisa, u mill-età ta' 65 sena sal-età ta' 70 sena għall-irġiel, tista' tagħti lok għal dubji leġittimi, b'mod partikolari f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fir-rigward tal-fatturi esterni u tan-newtralità

tagħhom f'relazzjoni mal-interessi li x'aktarx jiltaqgħu magħhom (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 118).

125 Barra minn hekk, din is-setgħa tikser ukoll il-prinċipju ta' irremovabbiltà li huwa inerenti għall-indipendenza ġudizzjarja (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 96).

126 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-imsemmija setgħa ngħatat lill-Ministru għall-Ġustizzja fil-kuntest iktar ġenerali ta' riforma li wasslet għat-tnaqqis tal-età normali tal-irtirar, b'mod partikolari, tal-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki.

127 L-ewwel nett, fid-dawl, b'mod partikolari, ta' ċerti dokumenti preparatorji dwar ir-riforma inkwistjoni, il-kombinazzjoni taż-żewġ miżuri msemmija fil-punt preċedenti huwa ta' natura li joħloq, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dubji leġittimi dwar il-fatt li s-sistema l-ġdida setgħet fir-realtà kienet intiża sabiex tippermetti lill-Ministru għall-Ġustizzja, li jaġixxi b'mod diskrezzjonali, li jeskludi, ladarba jilħqu l-età normali tal-irtirar li tkun għadha kif ġiet stabbilita, ċerti gruppi ta' mħallfin fil-kariga fi ħdan il-qrati ordinarji Pollakki filwaqt li jżomm parti oħra minnhom fil-kariga (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 85).

128 It-tieni nett, għandu jiġi enfasizzat li t-tul tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tal-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki, li b'hekk jaqgħu taħt is-setgħa purament diskrezzjonali tal-Ministru għall-Ġustizzja, huwa kunsiderevoli peress li dan jirrigwarda l-aħħar għaxar snin ta' eżerċizzju ta' tali funzjonijiet tal-karriera ta' mħallef mara u l-aħħar ħames snin ta' eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet f'dak li jikkonċerna l-karriera ta' mħallef raġel.

129 It-tielet nett, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 69(1b) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, meta mħallef jilħaq l-età normali tal-irtirar qabel it-tmiem tal-proċedura intiża għal estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, il-persuna kkonċernata tibqa' fil-kariga sal-għeluq tal-imsemmija proċedura. F'ipoteżi bħal din, id-deċiżjoni negattiva tal-Ministru għall-Ġustizzja, li, barra minn hekk, kif diġà ġie enfasizzat, fil-punt 123 ta' din is-sentenza, ma hija suġġetta għal ebda terminu, tista' għalhekk tingħata wara li l-imħallef ikkonċernat ikun baqa' fil-kariga, jekk ikun il-każ, għal perijodu ta' inċertezza relattivament twil, lil hinn minn din l-età normali tal-irtirar.

130 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 126 sa 129 ta' din is-sentenza, hemm lok li jiġi kkonstatat li, peress li naqset milli tosserva r-rekwiżiti mfakkra fil-punti 113 sa 115 ta' din is-sentenza, il-kombinazzjoni tal-miżura ta' tnaqqis tal-età normali tal-irtirar għal 60 sena għan-nisa u għal 65 sena għall-irġiel, u tas-setgħa diskrezzjonali li ngħatat f'dan il-każ lill-Ministru għall-Ġustizzja sabiex jawtorizza jew jirrifjuta t-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef tal-qrati ordinarji Pollakki, minn 60 sena għal 70 sena, għan-nisa, u minn 65 snin għal 70 sena għall-irġiel, tmur kontra l-prinċipju ta' irremovabbiltà.

131 Il-konstatazzjoni magħmula fil-punt preċedenti la hija affettwata miċ-ċirkustanzi, invokati mir-Repubblika tal-Polonja, li l-imħallfin li ma jkunux awtorizzati jkomplu bl-eżerċizzju tal-imsemmija funzjonijiet iżommu t-titolu ta' mħallef jew li dawn ikomplu jibbenefikaw minn immunità u minn remunerazzjoni kbira ladarba jiritraw, u lanqas hija affettwata mill-argument formali ta' dan l-istess Stat Membru li skontu l-imħallfin ikkonċernati ma jkunux jistgħu jibbenefikaw iktar mill-garanzija ta' irremovabbiltà minħabba li jkunu diġà laħqu l-età tal-irtirar statutorja ġdida. Barra minn hekk, f'din it-tieni kunsiderazzjoni, diġà tfakkar, fil-punt 129 ta' din is-sentenza, li, kif jirriżulta mill-Artikolu 69(1b) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, id-deċiżjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja dwar jekk tingħatax estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tal-partijiet ikkonċernati tista' tingħata meta dawn ikunu baqgħu fil-kariga lil hinn minn din l-età normali ġdida tal-irtirar.

132 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument tar-Repubblika tal-Polonja bbażat fuq xebh bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali kkontestati u l-proċedura applikabbli fl-okkażjoni tat-tiġdid possibbli tal-mandat ta' mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dan ma jistax jirnexxi.

133 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, għall-kuntrarju tal-imħallfin nazzjonali li jinħatru sakemm jilħqu l-età tal-irtirar statutorja, il-ħatra tal-imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja sseħħ, kif previst fl-Artikolu 253 TFUE, għal perijodu speċifiku ta' sitt snin. Barra minn hekk, ħatra ġdida għal tali pożizzjoni ta' mħallef li ser ikun qiegħed jirtira teħtieġ, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u bħall-ħatra inizjali tiegħu, il-ftehim komuni tal-gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni mal-kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 121).

134 Għalhekk, il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati ma jistgħux jibdlu l-portata tal-obbligi imposti fuq l-Istati Membri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 122).

135 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, it-tieni lment tal-Kummissjoni, ibbażat fuq il-ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għandu jintlaqa'.

136 Għaldaqstant, ir-rikors tal-Kummissjoni għandu jiġi milqugħ kollu kemm hu b'tali mod li hemm lok li jiġi kkonstatat:

– minn naħa, li, bl-introduzzjoni, fil-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017, ta' età tal-irtirar differenti għall-irġiel minn dik għan-nisa għal imħallfin fil-qrati ordinarji Pollakki u fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) jew għal avukati tal-Istat Pollakk, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 5(a) u l-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54, u

– min-naħa l-oħra, li, billi tat, skont il-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-Liġi ta' Emenda tat-12 ta' Lulju 2017, is-setgħa lill-Ministru għall-Ġustizzja li jiddeċiedi dwar jekk jawtorizzax it-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki lil hinn mill-età ġdida tal-irtirar tal-imsemmija mħallfin, kif tnaqqset bil-punt 1 tal-Artikolu 13 ta' din l-istess liġi, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

**Fuq l-ispejjeż**

137 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Repubblika tal-Polonja tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Bl-introduzzjoni, fil-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-ustawa o zmianie ustawy – Prawo o ustroju sądów powszechnych oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u Ċerti Liġijiet Oħra) tat-12 ta' Lulju 2017, ta' età tal-irtirar differenti għall-irġiel minn dik għan-nisa għal imħallfin fil-qrati ordinarji Pollakki u fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) jew għal avukati tal-Istat Pollakk, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 5(a) u l-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol.**

2) **Billi tat, skont il-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-Liġi li temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u Ċerti Liġijiet Oħra tat-12 ta' Lulju 2017, is-setgħa lill-Ministru għall-Ġustizzja (il-Polonja) li jiddeċiedi dwar jekk jawtorizzax it-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-imħallfin tal-qrati ordinarji Pollakki lil hinn mill-età ġdida tal-irtirar tal-imsemmija mħallfin, kif tnaqqset bil-punt 1 tal-Artikolu 13 ta' din l-istess liġi, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.**

3) **Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem